Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,552, 19 ta' Diċembru, 1997
Taqsima B

A.L. 221 ta' l-1997

KODIĊI TAL-LIĠIJIET TAL-PULIZIJA
(KAP. 10)

Regolamenti ta' l-1997 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kaċċa

BIS-SAHHA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 214 tal-Kodiċi tal-Pulizija, il-Prim Ministru, bi ftehim mal-Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u ta' l-Ambjent, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1997 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kaċċa, u għandhom jinqraw u jinftehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1993 dwar il-Liċenzi tal-Kaċċa, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". A.L. 145 ta' l-1993.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fil-paragrafu (4) tar-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali minflok il-kliem "mar-Regolamenti ta' l-1996 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ħarsien ta' l-Għasafar u tal-Fenek Selvaġġ u ppreżentaha lid-Direttur responsabbli għad-dipartiment għall-ħarsien ta' l-ambjent li għandu sussegwentement joħroġ l-awtorizzazzjoni li tidher fl-Iskeda V u li tinsab annessa ma' dawn ir-regolamenti" għandhom jidħlu l-kliem "mar-Regolamenti ta' l-1993 dwar il-Ħarsien ta' l-Għasafar u tal-Fenek Selvaġġ u jkun ippreżentaha lill-Kummissarju tal-Pulizija, biex tiġi depożitata għand id-Direttur responsabbli għad-Dipartiment għall-Ħarsien ta' l-Ambjent".